**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Wael Mohamed Rabie Mohamed Abdel Ghani**

**Kumpilazzjoni 215/2017**

**Illum 24 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Wael Mohamed Rabie Mohamed Abdel Ghani** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 579812 (L) billi huwa akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Frar 2017 bejn l-ghaxra u l-hdax u nofs ta' filghaxija (22:00-23:30) fi Triq Elija Zammit, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Ayman Elkatatni Art. 216 (1) (b), 217, 64 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew l-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied Art. 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma iprojbita (ponn tal-hadid) Taqsima II Kapitlu 480;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma msemmija fi skeda II tal-Kapitlu 480 minghajr ma kellu Licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. (Art 5 Kap 480).

Rat l-Atti processwali kollha u d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 14)

Rat li meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Fol. 24)

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile.

Semghet lill-imputat jixhed min jeddu b'mod volontarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-parte civile (Fol. 99 et seq) u tad-difiza (Fol. 105 et seq).

Il-Qorti sejra tibda billi fil-qosor tindika dak li xehdu d-diversi xhieda li gew prodotti f'din il-kawza.

Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017 xehed l-**Ispettur Trevor Micallef** (*fol* 27 et. seq.). Spjega kif kien sar rapport minn Ayman Elkatatni li fl-20 ta' Far 2017 li bejn l-ghaxra u l-hdax u nofs ta' filghaxija f'San Giljan l-imputat kien hebb ghalih u ikkagunalu feriti ta' natura gravi. Spjega li dakinhar l-imputat u l-parte civile kellhom dizgwid ma' xulxin, gew fl-idejn u firduhom in-nies u li sussegwentement wara li l-parte civile beda miexi fit-triq l-imputat kien hebb ghalih b'ponn tal-hadid. L-Ispettur xehed li l-imputat kien anke ta stqarrija lill-Pulizija wara li kien ikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu. L-imputat fl-istqarrija tieghu spjega li l-vittma kien hebb ghalih u li kien hemm rapporti ohra fuq incidenti ohrajn. Ix-xhud temm jghid li l-Pulizija kienet elevat xi filmati li fihom jidher li kien sehh xi argument. Pero` ma tantx kienu cari. L-Ispettur Micallef rega' xehed fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2017 (Fol. 40) fejn ipprezenta l-filmati u anke xi ritratti. Qal li fir-ritratti jidhru xi persuni pero` ma jintgharfux.

**PS 850 Stephen Micallef** (*fol* 29) spjega li kien sar rapport fl-Ghassa ta' San Giljan minn Ayman Elkatatni u Kamal Abdellah rigward incident li huma kellhom ma' certu Wael Mohamed. Qal li Ayman kellu certifikat mediku. Is-Surgent stabilixxa l-identita` ta' Wael Mohmaed u dan gie arrestat. Ix-xhud ikkonferma wkoll ir-rapport tal-okkorrenza a fol. 2 tal-

process. Ix-xhud ma ra l-ebda footages tal-glieda. **In kontro-ezami**, is-Surgent ikkonferma li waqt l-istadju tal-investigazzjoni l-imputat kien ikkollabora pienament mieghu. Meta rega' xehed fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2018 in kontinwazzjoni tal-kontro-ezami (Fol. 97), is-Surgent Micallef zied li hu kien cempel lill-imputat ghax kien jafu wara li kien dahal ir-rapport ta' Ayman. Huwa talbu biex imur l-Ghassa u l-imputat kien mar ftit tal-hin wara. Mistoqsi jekk l-imputat kellux xi griehi, is-Surgent wiegeb fin-negattiv.

**Ayman Elkatatni** (*fol* 32 et. seq.) xehed li l-imputat kien jafu ghaliex kienu jifformaw parti mill-komunita` Egizzjana f'Malta u kienu anke waqqfu ghaqda biex jghinu l-Egizzjani stabbiliti hawn Malta. Spjega li dakinhar tal-incident huwa kien bilqeghda f'bar. L-imputat dahal bil-basket tax-xoghol, qabez fuqu u beda jaghtih bil-ponn. Qal li lil Wael kienu harguh mill-bar u imbaghad waslu l-Pulizija fuq il-post. Meta waslu l-Pulizija, l-parte civile sostna li l-imputat qalilhom li hu (cioe` Ayman) kien qieghed ibiegh id-droga. Il-Pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna ta' Ayman li irrizultat fin-negattiv. Ix-xhud kompla jghid li imbaghad wara li telqu l-Pulizija tkellmu b'mod amikevoli bejniethom u li hekk kif kienu sejrin jinfirdu, l-imputat tah daqqa ta' ponn u qasamlu mohhu. Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2017 (Fol. 47) Ayman ikkonferma l-veracita` ta' ritratt li kien juri l-ferita li garrab, liema ritratt ittiehed l-isptar siegha wara li kien sehh l-incident.

**In kontro-ezami** Ayman Elkatatni (*fol* 73 et. seq.) spjega li hu u l-imputat kienu involuti fl-ghaqda tal-Egizzjani. Dakinhar li sehh l-incident, l-imputat l-ewwel dahal ghand bar maghruf tax-Xixa. Fil-post kien hemm

Kamal u hadlu b'idu. Imbaghad l-imputat ressaq fuq ix-xhud. Dan haseb li kien se jehodlu b'idejh u fil-pront l-imputat beda jaghtih bil-ponn u bil-basket. Mistoqsi jekk hu kienx tefa' tazza lill-imputat, ix-xhud cahad. Mistoqsi allura minn fejn kien hariglu d-demm lill-imputat, ix-xhud qal li ma rax demm u li ma kienx jaf kif l-imputat spicca bid-demm. Wara li telqu l-Pulizija, l-parte civile qal li kien se jitlaq lejn id-dar. Izda l-imputat gie warajh u Kamal qallu biex jieqaf. L-imputat waqaf u ghamlu xi siegha u nofs jitkellmu. Kif waslu biex jinfirdu, l-imputat dawwar idejh m'ghonq l-parte civile u tah daqqa b'ponn tal-hadid. Meta mistoqsi jekk rax il-ponn tal-hadid, il-parte civile wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi biex jiddeskrieh, il-parte civile qal li din kienet xi haga li wiehed idahhal f'idu u li kellha l-ponot. Mistoqsi kif l-imputat kien libsu, il-parte civile sostna li l-imputat dahhal idu fil-but u imbaghad hareg b'idejh lesta. Hu rah l-ewwel darba f'idejh. Li kieku induna li kien qed jilbsu, kien jahrab jigri. Ma kienx qed jahseb li se jaghmel ghalih ghaliex kienu ghadhom kemm irrangaw. Mistoqsi jekk l-imputat kienx ghadu bid-demm, il-parte civile rega' sostna li ma rax demm.

**<u>Kamal Mohamed</u>** ( *fol* 36 et) li xehed bil-lingwa Ingliza xehed li hu jaf kemm lill-parte civile kif wkoll lill-imputat. Spjega li Ayman kien bilqeghda f'bar maghruf bhala x-Xixa. Gie l-imputat u ha b'idejn lix-xhud. L-imputat mar imbaghad fuq Ayman u sekondi wara jara li l-imputat kellu d-demm hiereg minn imniehru. Fil-pront l-imputat cempel lill-Pulizija u x'hin waslu qalilhom li Ayman kellu d-droga. Il-Pulizija pero` ma sabu xejn. Il-Pulizija tawhom struzzjonijiet biex imorru d-dar. Ayman kien sejjer lura d-dar u l-imputat waqqfu. Ix-

xhud qal li huwa baqa' hemm biex isolvu l-problemi ta' bejniethom u fil-pront l-imputat xejjer daqqa ta' ponn wahda lil Ayman. Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2017, Kamal ikkonferma li r-ritratt li kien esebit mill-Prosekuzzjoni u li kien juri ferita fuq mohh Ayman kien hadu x-xhud waqt li kien l-Isptar ma' Ayman.

**<u>In kontro-ezami</u>**, Kamal ikkonferma kif l-imputat kien dahal fil-hanut u hadlu b'idejh. Ayman kien hemm wkoll. Ftit wara kien ra lill-imputat bid-demm hiereg. Dan wara li kien hemm xi haga bejn l-imputat u l-parte civile. Ix-xhud ikkonferma li hu kien harighom 'l barra mill-hanut u li l-Pulizija kien waslu wara. Ikkonferma li l-Pulizija kienu taw struzzjonijiet lill-imputat biex imur jaghmel rapport l-ghassa ghax kellu d-demm hiereg. Ix-xhud ikkonferma li immedjatament wara t-tnejn kienu tkellmu ma' xulxin u li t-tieni incident sehh ftit wara. Mistoqsi jekk kienx ra xi ponn tal-hadid, ix-xhud wiegeb li le. Ma kienx jaf li kellu xi haga f'idu.

**<u>Charles Testa</u>** (*fol* 45 et) ikkonferma l-USB stick li huwa kien ghadda lill-Pulizija *b'footage* li kien nizzel fuq talba tal-Pulizija minn fuq ic-CCTV tieghu.

**<u>Dr. Mario Scerri</u>** (*fol* 55 et. seq.) spjega li huwa kien gie nominat mill-Qorti biex jezamina lill-parte civile. Huwa ezaminah fis-6 ta' Frar 2018. Dr Scerri ikkonstata li b'rizultat tal-incident, l-parte civile kien spicca b'cikkatrici fuq in-naha tal-lemin ta' mohhu. Din kienet rizultat ta' lacerazzjoni. Dr Scerri indika wkoll li cikkatrici ohra li l-parte civile kellu fuq mohhu ma kellhiex x'taqsam mal-incident. Dan abbazi ta' dak

li qallu l-parte civile stess. **<u>In kontro-ezami</u>** li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2018, Dr Mario Scerri spjega li l-ferita li halliet ic-cikkatrici mertu tal-kaz kienet saret b'xi haga bla ponta u li ma taqtax.

**<u>Dr. Rebecca Galea</u>** (*fol* 70 et. seq.) xehdet li Ayman kien idahhal l-Isptar b'griehi f'rasu. Kellu tbengila u ferita. Sar scan li minnu ma rrizultax li kien hemm ksur fl-ghadam tar-ras jew demm gewwa fil-mohh. Ayman kellu biss bzonn ta' xi punti f'rasu. Ix-xhud ikklassifikat l-feriti bhala ta' natura gravi peress li l-ferita kienet tidher u kienet se thalli marka permanenti. Ix-xhud ikkonfermat wkoll il-kontenut tac-certifikat rilaxxat minnha esebit a fol. 6 tal-process.

L-imputat **<u>Wael Mohamed Rabie Mohamed Abdel Ghani</u>** (F*ol* 86 et. seq.) xehed fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2018. Hu beda biex qal li dakinhar tal-incident kien ra lil Kamal fil-hanut tax-Xixa li qieghed Paceville. Huwa kien dahal isellem lil Kamal. Ra lil Ayman u qallu biex hu u huh jieqfu milli jkomplu jhammgulu ismu. Il-konversazzjoni ta' bejniethom sahnet u Kamal qabdu minn idejh biex johorgu. F'dan il-hin Ayman hebb ghalih u garalu tazza f'wiccu, giet fuq imniehru u farrgu. Ix-xhud esebixxa certifikat mediku biex jikkonferma l-griehi li kien garrab. Minkejja li Kamal harighom 'l barra, Ayman xorta baqa' jhebb ghall-imputat. Sadanittant gew il-Pulizija u lilu baghtuh jaghmel rapport. Wara l-imputat rega' indirizza kliem lil Ayman biex ma jibqghux aktar ihammgulu l-familja b'allegazzjonijiet foloz. Meta kien qed jghid dan il-kliem, Ayman ipprova jhebb ghalih u l-imputat iddefenda lilu inniffsu. Dan billi imbuttah. L-imputat cahad li kellu xi ponn tal-hadid.

**In kontro-ezami** meta mistoqsi jekk il-kwistjonijiet ta' bejniethom kinux ilhom gejjin, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Minkejja li kien irrabbjat ghal Ayman, l-imputat cahad li kien aggressiv. It-tnejn kellhom diskussjoni rigward il-kwistjoni dwar minn kien il-President tal-Ghaqda tal-Egizzjani. Ayman baqa' jghidlu li mhux il-President tal-Ghaqda, minkejja d-dokument li kien hareg il-Kummissarju tal-Ghaqdiet Volontarji kien juri mod iehor. L-imputat rega' cahad li kellu ponn tal-hadid. Sostna li Ayman beda jerfa' idu, haseb li se jaghtih daqqa u hu iddefenda lilu inniffsu billi imbuttah u laqtu. Ikkonferma li dakinhar kellu l-ingwanti suwed f'idu. Mistoqsi kif giet id-daqqa f'wicc Ayman, ix-xhud wiegeb li x'hin imbuttah Ayman jew habat mal-hajt jew inkella laqtu b'idejh. Meta ingibditlu l-attenzjoni li Kamal kien qal li hu kien rah jaghti daqqa ta' ponn lil Ayman, l-imputat wiegeb li hu ma kienx ta daqqiet ta'ponn. Beda biss jiddefendi lilu inniffsu u jew habbat lil Ayman mal-hajt jew inkella laqtu b'idu.

Ikkunsidrat:

**L-Ewwel Imputazzjoni – Feriti tan-Nutara Gravi fuq il-Persuna ta' Ayman Elkatatni**

Jibda biex jinghad li jirrizulta b'mod mill-aktar car li Ayman Elkatatni, l-parte civile f'dan il-kaz, soffra feriti ta' natura gravi b'rizultat tal-incident mal-imputat. Dawn il-feriti gew kagunati ad istanza tal-istess imputat, hekk kif jikkonferma Kamal Mohamed:

*"P. Civile* *When you said that Waed punched Ayman, Ayman what was he doing then?*

*Witness:* *We was solved all problem, we have no problem and Waed shake my hand he said ok I'm sorry because of the fight and I tell him ok and I let him go in to shake Ayman's hand as well because when we solve a problem we shake like this. After I look like this I saw one punch.*

*P. Civile:* *One punch?*

*Witness:* *Yes just one punch on his head here. And I told him for what you did like this, for what you put me in the middle, because both of them they are my friends."*[1]

Rigward in-natura tal-ferita sofferta mill-parte civile, m'hemmx dubju wkoll li din kienet ta' natura gravi kemm ghaliex giet certifikata bhala tali mit-tabiba Dr Rebecca Galea[2] u anke ghaliex gabet mankament permanenti fil-wicc, ghalkemm ma jirrizultax li sar xi sfregju. Dan ghaliex kif jghid l-espert nominat minn din il-Qorti Dr Mario Scerri ic-cikkatrici ma kinitx konspikjuwa *"from within talking distance"*[3]

Fid-difiza tieghu l-imputat jissolleva l-eccezzjoni tal-legittima difiza u jistqarr li huwa iddefenda ruhu mill-aggressjoni tal-parte civile. Huwa ghalhekk opportun illi wiehed jezamina bir-reqqa l-elementi rikjesti

---

[1] Fol. 37 tal-process.
[2] Ara certifikat mediku a fol. 6 tal-process
[3] Fol. 63 tal-process.

mill-ligi, sabiex tigi nvokata b'success tali difiza. F'dan l-istadju, ssir referenza ghall-kazistika.

Il-principju tal-leġittima difiża gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) vs Tony Curmi et***[4]***,*** fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat:

> *"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega* ***Antolisei*** *–*
>
> > *"occorre in fine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."*
>
> *Fil-**Manuale di Diritto Penale Generale** pg 261, insibu li*
>
> > *"pericolo attuale e' il pericolo presente."*

[4] 27 ta' Ġunju 2017, Kumpilazzjoni Nru 1366/2012

*[...]*

*Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu* ***li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima.*** *[Enfazi ta' din il-Qorti] Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.*

*Fil-fatt kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:*

> *"the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...]*

*[...][F]id-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u* errors of judgement*."*

Fil-kawza fl-ismijiet, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea,**[5] il-Qorti rreteniet illi*"… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma*

[5] 14 ta' Jannar 1986

*nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."*

Illi anke l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-imsemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvu Psaila,**[6] inghad illi:-

> *"Il-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*
>
> *1) Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min b'l-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita pjena jew shiha;*
>
> *2) Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*
>
> *3) Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax*

[6] 9 ta' Novembru 1963

*jghid li jkun ipprova llegittimita` ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra)… irid ikun hemm proporzjonalita…"*

Mis-suespost huwa car ghalhekk li sabiex il-legittima difiza tigi proponuta b'success jehtieg li t-theddid, dannu, aggressjoni jew perikolu jkun ingust, gravi u inevitabbli, jew kif ravvizat fl-artikolu 223 tal-Kap 9 jekk l-offiza fuq il-persuna tkun: *"mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor"*.

Il-Qorti mhix konvinta li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ir-reazzjoni tal-imputat kienet wahda dettata minn cirkustanzi li offrew perikolu li kien attwali u inevitabbli. Jirrizulta li Ayman kien gia` beda triqtu biex jitlaq u kien l-imputat stess li rega' ghajjatlu. Huwa car ghalhekk li ma kien hemm l-ebda perikolu attwali. Ir-reazzjoni tal-imputat ma kinitx l-unika triq li kellu l-imputat biex ma jsofrix aktar l-aggressjoni tal-parte civile, aktar u aktar meta l-imputat kien gia` beda jdabbar rasu. L-imputat seta' baqa' fejn kien u halla lill-imputat jitlaq minn fuq il-post u mhux jerga' jmur fuqu jew b'xi mod javvicinah biex ihallieh bi kwietu. Dan kollu jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Kamal Mohamed:

*"P. Civile: Who left?*

*Witness:* *Ayman because police said you go home now. Wael stopped him come, come, come and I ran after them again in the street.*

*P. Civile:* *So Waed called him again and you went there?*

*Witness:* *Yes I go in the middle, I spoke with them, I tried to no one fight.*

*P. Civile:* *And you remained there?*

*Witness:* *Yes to sort all problem, everything and after a while he shake my hand and said I'm sorry because I punched in your place and then I go back like this for Ayman and after I saw Waed punch him once like this, I don't know what but I saw something and don't know what exactly it is."*[7]

Ix-xhieda ta' Kamal Mohamed hi ta' min jorbot fuqha ghaliex kemm il-parte civile kif wkoll l-imputat identifikawh bhala habib taghhom u mill-mod ta' kif Kamal Mohamed xehed quddiem din il-Qorti kien car li ma kien qieghed jigbed l-ebda habel, la dak tal-parte civile u lanqas dak tal-imputat. Qal l-affarijiet kif verament sehhew.

Dak li jghid Kamal huwa wkoll korraborat mill-imputat inniffsu:

*"Difiza:* *U inti mort taghmel ir-rapport?*

*Xhud:* *Ghax imbaghad kellimni l- pulizija l- PC Alan Sammut u kellu xi tlieta (3), erbgha (4) ma nafx x' inhuma. Imbaghad Ayman u Kamal few minn nahha tal- Fin Bank u jiena rajthom u ghajjatilhom, ghidtlu : Please ghamilli pjacir thammiglix il-familja, ieqaf hemm.*

[7] Fol. 37 tal-process.

*Difiza:* *Dan lil min ghidtu?*

*Xhud:* *Lil Ayman.*

*Difiza:* *U min kien hemm iktar?*

*Xhud:* *Kamal is-sid tal- hanut tax-xixa, ghidltu : Thamgulix il- familja, sa llum il- gurnata ghadkom tghidu fuqi li jien inqahhab in- nisa u nehodhom fil- hantu tal- prostituti. Ghidltu jiena nahdem bhala security u fejn jibghatni l- imghallem immure, mhux se naghzel ix-xoghol jien, x' naghmel noqghod id-dar u niehu r-relif? Ghidtlu : U lil Kummissarju tani r-ragun illi xorta nibqa l- president ta' l-ghaqda ta' l- Egizzjani u intom qed tghamluli fama hazina mal-community, ma kullhadd u toffenduni fil- Moskeja illi jien pimp.*

*Difiza:* *Ok issa waqt li kontu qed titkellmu hemmhekk x' gara, Kamal baqa' prezenti?*

*Xhud:* *Iva Kamal kien hemm imbaghad meta ghidt dan il-kliem lil Ayman beda jigdeb u jghid le mhux veru u pprova jhebb ghalija u ddefendejt lili nnifsi."*[8]

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-legittima difiza hija eskluza kompletament.

In linea sussidjarja, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, d-difiza issollevat wkoll l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Il-Kodici Kriminali

[8] Fol. 87 – 88 tal-process.

taghna jippermetti l-iskuzanti tal-provokazzjoni fil-kaz ta' omicidju volontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna (Artikolu 227 u 230 tal-Kap 9) jew fl-artikolu 325 dwar hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor. Jekk accettata, tali skuzanti ma iggibx il-liberazzjoni izda diminuzzjoni fil-piena wara li jkun hemm sejbien ta' htija. L-artikolu 235 jaghmilha cara li l-provokazzjoni ma tkunx tiswa lil-hati jekk din ma tkunx sehhet fl-istess waqt tal-azzjoni provenjenti mill-parti offiza. L-ingredjent indispensabbli ghas-success ta' din l-iskuzanti hu ghalhekk li l-azzjoni provokanti u r-reazzjoni ghaliha jridu jkunu sehhew fl-istess waqt.

L-artikolu 227 li jitkellem dwar l-iskuzanti fl-omicidju u li huwa applikabbli ghal kaz ta' offiza volontarja fuq il-persuna bis-sahha tal-artikolu 230 li jipprovdi li l-offiza volontarja fuq il-persuna hi skuzabbli fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(a), (b), (c) u (d), jekk provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna.

Jekk wiehed ihares lejn l-artikolu 227 li jiskuza l-omicidju volontarju isib li dak applikabbli ghal kwistjoni li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa s-subartikolu (a) li jipprovdi l-iskuzanti *"jekk ikun provokat b'offiza gravi fuq il-persuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija."*

L-ewwel element indispensabbli ghall-invokazzjoni b'success tal-iskuzanti tal-provokazzjoni hu dak imsemmi fl-artikolu 325 li jipprovdi hekk: *"Ma jiswiex lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza."*

Huwa minnu li fil-kaz odjern, ir-reazzjoni tal-imputat ma kinitx wahda li giet esegwita immedjatament hekk kif huwa qala' d-daqqa ta' tazza; pero` sehhet ftit mumenti wara **fil-kuntest tal-istess incident** li beda fil-bar u kompla fit-triq. Id-daqqa ta' ponn inghatat mill-imputat lill-parte civile meta kien hemm tentattivi biex il-parte civile **jerga'** jhebb ghall-imputat ghat-tieni darba wara li ftit aktar qabel kien gia` tefaghlu tazza u konsegwenza ta' hekk sofra feriti f'imniehru kif irrizulta mic-certifikat mediku esebit minnu.[9]

It-tieni element jirrikjedi li r-reazzjoni tkun provokata minn offiza gravi jew b'delitt kontra l-persuna suggetta ghal-piena ta' aktar minn sena prigunerija. L-azzjoni tal-parte civile li ikkagunat ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imputat taqa' fil-parametri tal-ligi. Ferita ta' natura hafifa – li hija l-ferita li giet kagunata fuq il-persuna tal-imputat - hija punibbli b'piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn u ghalhekk dan l-element wkoll jista' jitqies li huwa sodisfatt.

Is-subartikolu (c) tal-artikolu 227 imbaghad jaghmilha cara li sabiex provokazzjonijiet ohra jitqiesu bhala skuzanti jehtieg li jissodisfaw wkoll rekwizit iehor u cioe` li r-raguni ghal dik l-azzjoni "*kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*" Il-Qorti tqis li dan l-element jinsab sodisfatt wkoll. L-imputat kien ilu jissaporti l-atteggjament tal-parte civile; ipprova jiehdu bil-kelma t-tajba biex l-istess parte civile ma jibqax aktar jaqla' qlajjiet fuqu. Ir-reazzjoni tal-parte civile kienet li jitfa' tazza f'wicc l-imputat bil-konsegwenza li beda hiereg id-demm wara li laqatlu

[9] Fol. 95A tal-process.

imniehru. Ghalkemm konvenjentement l-parte civile ma jiftakarx li ra d-demm u lanqas ma kien f'posizzjoni li jghid id-demm minn fejn gie, Kamal Mohamed jistqarr bl-aktar mod skjett u car li kien ra lill-imputat bid-demm niezel minn ma' wiccu, sinjal car li kien hemm aggressjoni da parti tal-parte civile fil-konfront tal-imputat. Dan kien mumenti biss wara li l-imputat kien dahal fil-bar. Meta imbaghad ghat-tieni darba l-imputat insista mal-parte civile biex ma jkomplix aktar itawwal l-istorja ta' bejniethom u jitfa' f'dell ikrah lill-familja tieghu, rega' kien hemm tentattiv da parti tal-parte civile li jerga' jhebb ghall-imputat. Kien naturali li l-imputat kien sejjer jirreagixxi: l-imputat gia` kien soffra daqqa u kien mistenni li l-imputat – biex anke ma jergax jigrilu kif kien gralu ftit mumenti aktar qabel – kien sejjer jilqa' ghal din l-aggressjoni biex jipprotegi lilu inniffsu. Kif jixhed Kamal Mohamed, id-daqqa ta' ponn li inghatat, inghatat f'tebqa ta' ghajn[10] u dan juru l-immedjatezza tal-azzjoni tal-imputat biex jevita sinistru iehor fuq il-persuna tieghu. Il-Qorti hija konvinta li persuna ta' temperament ordinarju fl-istess cirkostanzi kienet sejra tirreagixxi bl-istess modlita` li irreagixxa l-imputat.

Ghalhekk din l-ewwel imputazzjoni tirrizulta u l-Qorti sejra issib htija fl-imputat ghal din l-imputazzjoni bl-iskuzanti pero` tal-provokazzjoni. Il-piena ghalhekk li sejra tigi inflitta sejra tigi kalibrata fid-dawl ta' din l-iskuzanti u anke tenut kont tal-fedina penali netta tal-imputat.

[10] Fol. 80 tal-process.

**It-Tieni Imputazzjoni – Ksur tal-Buon Ordni u l-Paci Pubblika, b'Ghajjat u Glied (Art 338d)**

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**[11] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace". Il-Qrati taghna dejjem tennew li din il-kontravvenzjoni tinghad li tissussisti meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil**[12] imbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 fl-ismijiet: "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." kien qal hekk :- *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato."*[13]

[11] Deciza fil-5 ta' Mejju 1995
[12] Deciza fit-23 ta' Gunju 1994
[13] Riportata f'Kollez. Vol. XVII, p.47, 475.

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992), jghidu:- *"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed."* (p.192).

Il-Qorti fil-kawza ta' Paul Busuttil ziedet tghid wkoll li :- *"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978): "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case , and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application."* (p.985,para.41-01). L-istess awtur jkompli jghid li: *"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance."* (p.986, para. 41-04).[14]

[14] Informazzjoni ottenuta mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija vs Noel Tanti</u>*** deciza fil-5 ta' Mejju 2005.

M'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li fil-kaz in ezami kien hemm ksur tal-buon ordni u paci pubblika. L-incident beda u kompla f'post pubbliku: l-ewwel beda fil-bar u imbaghad kompla fit-triq. L-incident li anke wassal biex il-partijiet soffrew griehi kien tali li seta' qajjem sens ta' alarm jew appressjoni fin-nies li kienu qeghdin jiffrekwentaw il-bar jew li kienu ghaddejjin mit-triq fil-hin li sehh l-incident. Din il-kontravvenzjoni ghalhekk tirrizulta ippruvata.

**It-Tielet u r-Raba' Imputazzjoni: Pussess ta' Arma Ipprjobita u Pussess ta' Arma minghajr il-Licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti mhix konvinta li tista' tinstab htija fl-imputat ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet. Dan ghaliex ma ingabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni u l-parte civile li fil-mument tal-incident l-imputat kellu fil-pussess tieghu jew ghamel uzu minn xi ponn tal-hadid. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni mis-segwenti punti li irrizultaw mill-atti processwali ta' dan il-kaz:

(a) Ix-xhud Kamal Mohamed, li kien prezenti waqt id-diverbju bejn il-partijiet fit-triq, ma ftakarx li l-imputat kellu xi ponn tal-hadid f'idejh. In kontro-ezami u meta mistoqsi mid-difiza jekk kellux ponn tal-hadid, huwa wiegeb: *"I don't know exactly, I don't know, I don't know if he had something in his hand."*[15] Li kieku verament l-imputat kien fil-pussess ta' din l-arma u ghamel uzu minnha, zgur li dan ix-xhud kien jaghti d-dettalji dwar dan il-punt wkoll, kif ghamel fuq aspetti ohra tal-kaz. Min-naha l-ohra l-imputat cahad

[15] Fol. 80 tal-process.

li huwa kellu xi arma fil-pussess tieghu. Meta minn jeddu xehed quddiem din l-Onorabbli Qorti huwa qal car minghajr tlalieq: *"Iva kien hemm Kamal, imbaghad jien bdejt nibza li ha jigrili bhal qabel igarali xi haga ohra f' wicci bhal ma garali t-tazza illi ddifendejt lili nnifsi u mbuttajtu u l–ebda ponn tal- hadid sir ma kelli u nahlef b' gurament fuq il- Koran."*[16]

(b) Huwa minnu li l-parte civile jaghti deskrizzjoni tal-ponn tal-hadid li huwa jghid li ra. Meta mistoqsi biex jiddeskrivi dan il-ponn, il-parte civile jghid: *"Xi haga jdahhalha go idu jigifieri u ghandha xi ponot hekk tal-hadid."*[17] Pero` Dr Mario Scerri, l-espert forensiku nominat minn din il-Qorti jghid car u tond fid-deposizzjoni tieghu in kontro-ezami li l-ferita li kellu l-parte civile u li l-istess parte civile kien indika li saritlu b'rizultat ta' dan l-incident kienet saret b'xi haga li **kienet bla ponta u li ma taqtax**.[18] Dan ghalhekk jeskludi li setghet kien hemm xi arma involuta fl-akkadut.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet u wara li rat l-artikoli 216(1)(b), 217, 230(a), 231(1)(c) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda issib lill-imputat **Wael Mohamed Rabie Mohamed Abdel Ghani** hati tal-ewwel imputazzjoni u cioe` ta' offiza gravi u volontarja fuq il-persuna ta' Ayman Elkatatni bl-iskuzanti tal-provokazzjoni kif ukoll tat-tieni imputazzjoni u cioe` dik tal-ksur tal-buon ordni u l-paci pubblika. Il-

[16] Fol. 88 tal-process.
[17] Fol. 76 tal-process.
[18] Fol. 81 tal-process.

Qorti mhix qeghda issib lill-imputat hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu stante li dawn ma irrizultawx ippruvati.

Ghar-rigward il-piena li ghandha tigi inflitta lill-imputat ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qieghed jinstab hati, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A qeghda tissospendihom ghal tliet (3) snin millum.

Din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Huwa rilevanti li hawn issir referenza ghal xi brani mis-sentenza **Il-Pulizija v. Maurice Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Novembru 2009 li huma relevanti hafna dwar x'hemm wara decizjoni ta' sentenza sospiza:

> **"7. Din il-Qorti hi konxja li spiss is-sentenza ta' prigunerija sospiza tigi kkritikata. Gie li tigi malament applikata anke mill-qrati, partikolarment qrati ta' prim istanza, u huwa proprju ghalhekk li l-Avukat Generali ghandu d-dritt ta' appell anke mill-piena (salv certi limitazzjonijiet). F'dan il-kaz l-appellant Avukat Generali mhux qed ighid li l-piena ta' prigunerija sospiza ma setghetx tigi applikata (ghax, per ezempju, il-minimu applikabbli kien jeccedi s-sentejn prigunerija indikat fl-**

**Artikolu 28A(1) tal-Kap. 9, jew ghax kien hemm xi ostakolu iehor, bhal, per ezempju, dawk indikati fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7) tal-imsemmi Artikolu 28A), izda qed jghid li ma kellhiex tigi applikata tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Fi kliem iehor, qed jghid li l-piena, bis-sospensjoni b'kollox, kienet fil-parametri tal-ligi, izda li f'dan il-kaz ma kellux ikun hemm tali sospensjoni.**

**"8. Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Anthony Wood* din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement[19], kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali[20]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A[21], li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-**

---

19 Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

20 Il-Pulizija v. Joseph Said App. Krim. 26/11/1992.

21 28A(2): "Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[22] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing[23] *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two*

[22] Ara wkoll **R. v. O'Keefe** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.
[23] Cambridge Studies in Criminology, Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

*stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* **Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux necessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).**

**"9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-**

**reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra."**

Finalment, wara li rat Artikolu 533 tal-Kap 9 tordna lil **Wael Mohamed Rabie Mohamed Abdel Ghani** jhallas is-somma ta' mitejn u disgha u tletin ewro (€239) bhala spejjez peritali li jridu jithallsu fi zmien xahar millum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**